*- APPALT –*

*- ART 1640 (3) KAP 16*

*- KONKLUZJONIJIET PERITALI –*

# IL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 25 ta' April 2002**

**Kawza Numru: 23**
**Citazzjoni Numru: 2601/97/RCP**

**Vincent Sammut**

**vs**

**Rene' Muscat**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-attur huwa kreditur tal-konvenut fis-somma ta' elf u tliet mitt lira Maltin (Lm1,300) liema ammont jirraprezenta prezz

ta' xoghol u spejjez inkorsi li huwa esegwixxa fuq inkarigu tal-konvenut u liema xoghol kien jikkonsisti fi qtugh ta' blat gewwa fond li jinsab gewwa San Gwann f'Settembru ta' din is-sena;

U illi l-konvenut interpellat sabiex ihallas dan l-ammont baqa' inadempjenti;

Illi ghalhekk l-istess attur talab lil din il-Qorti sabiex:

1. Tikkundannah ihallas lill-attur is-somma ta' elf u tliet mitt lira Maltin (Lm1,300) prezz ta' xoghlijiet esegwiti u spejjez inkorsi fuq inkarigu tieghu kollox kif spjegat hawn fuq, inkluzi l-interesso legali mid-data tan-notifika tal-ittra ufficcjali intavolata fis-17 ta' Ottubru 1997 sal-hlas effettiv.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut inkluzi dawk tal-ittra ufficcjali ta' Ottubru 1997 li jibqa' minn issa ngunt biex personalment in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 u 4 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 4 tal-process;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut tad-19 ta' Gunju 1998 a fol. 9 fejn gie eccepit:

1. Illi fl-ewwel lok jinghad iIli isem il-konvenut huwa Rene' Muscat u mhux Rennie Muscat kif erronjament jirrizulta mic-citazzjoni attrici, u li dan ghaldaqstant jaghti lok ghal korrezzjoni fl-atti ta' din il-kawza.

2. Illi fil-meritu tat-talba attrici l-ammont mitlub hu esagerat u mhux dovut kollu billi, minhabba inadempjenza tal-attur, il-konvenut kien kostrett jittermina l-appalt wara tliet gimghat *ai termini* tat-tielet (3) inciz tal-artikolu 1640 tal-Kodici Civili [Kap. 16], u ghalhekk il-konvenut offra lill-attur somma rapprezentanti l-ispejjez u l-prezz tax-xoghol li l-attur lahaq esegwixxa kif jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza, u ghalhekk fi kwalunkwe kaz il-konvenut ma ghandux ibati spejjez.

3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenut a fol. 10 u 11 tal-process.

Rat il-verbali tat-23 ta' Gunju 1998; tas-26 ta' Gunju 1998 u tal-1 ta' Dicembru 1998.

Rat ir-rikors ta' Vincent Sammut tal-14 ta' Dicembru 1998 a fol. 15 fejn talab korrezzjoni fl-okkju tal-kawza fejn l-isem tal-konvenut jigi mibdul minn Rennie Muscat ghal "Rene' Muscat", u d-digriet sussegwenti tal-Qorti datat 15 ta' Dicembru 1998, fejn laqghat it-talba.

Rat il-verbal tad-29 ta' Jannar 1999 fejn Dr. Andrew Muscat irtira l-ewwel eccezzjoni. Il-Qorti ipprefiggiet terminu ta' 30 gurnata biex b'nota konguntiva l-partijiet jiddikjaraw jekk jaqblux fuq nomina ta' Perit Tekniku. Il-kawza giet differita biex tinstema' minn din il-Qorti diversament presjeduta mill-Onor. Imhallef Frank G. Camilleri.

Rat in-nota tal-kontendenti tat-18 ta' Frar 1999 a fol. 18 fejn iddikjaraw li jaqblu fuq in-nomina tal-Perit Albert Fenech bhala perit tekniku.

Rat il-verbali tat-8 ta' Novembru 1999 fejn il-Qorti nnominat l-espert fuq imsemmi; tal-15 ta' Marzu 2000; tal-5 ta' Gunju 2000 fejn il-kawza giet differita biex tinstema' minn din il-Qorti kif prezentement presjeduta; tal-14 ta' Novembru 2000 u tal-1 ta' Frar 2001.

Rat in-nota tal-5 ta' Frar 2001 a fol. 26 sa 29 ta' Rene' Muscat li biha pprezenta l-affidavit tieghu stess.

Rar in-noti tal-konvenut tal-21 ta' Frar 2001 fejn b'wahda esebixxa rapport tal-Perit Chris Spiteri u hames Ritratti esebiti bhala Dok A sa F minn fol. 32 sa 35, u bl-ohra esebixxa l-affidavit ta' Yves Muscat esebiti a fol. 37 sa 39 tal-process.

Rat il-verbali tal-15 ta' Mejju 2001; tat-12 ta' Lulju 2001; tal-25 ta' Ottubru 2001 fejn il-perit tekniku Albert Fenech ikkonferma u halef ir-rapport tieghu.

Rat l-istess rapport esebit minn fol. 43 sa 83 tal-process.

Rat il-verbali tat-22 ta' Novembru 2001 u tal-24 ta' Jannar 2002 fejn deher biss Dr. Ivan Vella li tratta l-kaz. Akar tard deher Dr. Cassar Pullicino li wkoll ghamel it-trattazzjoni tieghu. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-lum 25 ta' April 2002.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Illi din il-kawza qed issir stante li l-attur qed jallega li ghandu jiehu l-ammont ta' Lm1,300 rapprezentanti l-prezz ta' xoghol konsistenti fi qtugh ta' blat gewwa fond li jinsab San Gwann f'Settembru 1997 esegwit minnu fuq inkarigu tal-konvenut.

Illi mill-banda l-ohra il-konvenut qed isostni li l-ammont rikjest mill-attur huwa esagerat stante illi huwa tenut biss li jhallas somma "*li ma tkunx izjed mill-ispejjes tal-appaltatur u l-valur tax-xoghol wara li jittiehed qies tal-utilita` ta' dawk*

*l-ispejjez u dak ix-xoghol lil min ikun ta x-xoghol kif ukoll id-danni li dan ikun sofra"* u dan kollox *ai termini* tal-**artikolu 1640 (3) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta** u ghalhekk l-ammont rikjest mill-attur jeccedi dak stabbilit mill-ligi.

Illi l-attur qed jallega illi huwa ftiehem mal-konvenut li huwa jaghmel xoghol ta' qtugh ta' blat bir-rata ta' Lm100 kuljum u ma giex iffissat terminu sakemm idum l-istess xoghol, anke peress li l-attur sostna illi dan kien jiddependi fuq xi kwalita` ta' blat ikun hemm fuq il-lant tax-xoghol, u peress li rrizulta matul l-istess xoghol li l-blat kien taz-zonqor u iebes hafna ix-xoghol beda miexi bil-mod anke peress li l-fond fejn kien jahdem kien qieghed ristrett u wara 13-il gurnata il-konvenut ried stima tax-xoghol kollu li baqa', inkluz il-valur tax-xoghol li sar u meta huma kwotalu s-somma ta' Lm5,000 il-konvenut ma accettax ghaliex ried ihallas biss *lump sum* ta' Lm2,500.

Illi b'konsegwenza ghal dan l-attur qed jippretendi li jithallas is-somma ta' Lm1,300 rapprezentanti 13-il gurnata xoghol bir-rata ta' Lm100 kuljum miftiehma, wara li l-konvenut la darba ma ntlahaqx ftehim ahhari waqqaf lill-attur milli jkompli bl-istess xoghol.

Illi l-konvenut min-naha tieghu ma jidhirx li qed jikkontesta li huwa nkariga lill-attur biex jaghmel dan ix-xoghol bir-rata ta' Lm100 kuljum, pero` qed jinsisti li ghalkemm ma kienx hemm ftehim fuq it-terminu preciz ta' meta kellu jigi esegwit l-istess xoghol, anke peress li l-attur ma riedx jikkommetti

ruhu dwar l-istess qabel ma jara xi kwalita` ta' blat kien ser jaqta', l-indikazzjoni moghtija mill-attur kienet li tali xoghol ma kellux jestendi aktar minn terminu ta' tlett gimghat.

Illi fil-fatt irrizulta li x-xoghol beda jigi esegwit mill-attur fl-1 ta' Settembru 1997 u l-konvenut innota li x-xoghol kien qieghed isir bil-mod u minn zaghzugh inkarigat mill-attur. Fil-frattemp, il-konvenut gie nfurmat mill-attur li l-blat li kien hemm kien iebes u fid-19 ta' Settembru 1997 il-partijiet tkellmu bejniethom u wara li l-konvenut ilmenta li x-xoghol kien miexi bil-mod, il-konvenut offra li jieqaf mix-xoghol u jithallas is-somma ta' Lm1,300 abbazi ta' 13-il gurnata bir-rata ta' Lm100 kuljum u dan wara wkoll li jidher li l-partijiet ma qablux fuq somma wahda iffissata ghax-xoghol kollu li kellu jsir.

Illi l-konvenut jidher li qed jikkontesta il-fatt li t-13-il gurnata lanqas gew ikkalkolati sew, peress li l-attur ma hadimx is-Sibtijiet u l-Hdud, u lanqas fit-8 ta' Settembru li kienet festa pubblika, u ma dan jizdiedu wkoll il-granet tat-3 ta' Settembru u 16 ta' Settembru li fihom l-attur ma hadimx u wkoll li meta effettivament l-attur waqaf mix-xoghol fid-19 ta' Settembru 1997 kien hadem biss nofs ta' nhar.

Illi l-konvenut sostna li sar xoghol biss ta' 27 metru kwadru u offrielu s-somma ta' Lm350 bhala kumpens ibbazat fuq ir-rata ta' Lm13 kull metru kubu.

Illi fuq dan xehed ukoll Yves Muscat li kkonferma t-tezi tal-konvenut apparti wkoll li skond rapport peritali ex-parte tal-Perit Chris Spiteri datat 14 ta' Novembru 1997 dan ikkalkola li fil-kumpless kien tqatta 27.037 metru kwadru ta' materjal li jirrapprezenta 14.83% tal-volum totali ta' skavazzjoni li kellha ssir li kkalkolata bir-rata ta' Lm10 kull metru kubu kien jammonta ghall-Lm270.37 valur ta' xoghol, kollox skond id-dokument 'A' esebit a fol 33 u 34 tal-process.

Illi abbazi ta' dawn ix-xhieda u r-rizultanzi, l-Perit Tekniku Albert Fenech inkarigat mill-Qorti kkonkluda li:

*"Il-volum ta' skavar li sar mill-attur bejn l-1 u d-19 ta' Settembru 1997, kien certament limitat hafna, anke il-blat kien bicca artab u bicca iebes, tal-franka bil-qawwi go fiha.*

*Irid ukoll jinghad illi x-xoghoi ma kienx fl-apert, izda f'post ristrett, cioe` f'garage ezistenti, u ghalhekk l-irbumbjar u d-dhahen tal-exhaust tal-ingenji uzati ghall-iskavar u tnehhija ta' materjal mill-post, irrendew ix-xoghol iktar difficli milli kieku kien ikun f'sit apert. Il-prezz ta' Lm1300, ghal ftit iktar minn 27 metru kubu ta' skavar, kif pretiz mill-attur a bazi tal-ftehim verbali li kien ghamel mal-konvenut b'rata ta' Lm100 kull jum huwa ikkonsidrat, u rrizulta, gholi hafna.*

*Mill-banda l-ohra, is-somma ta' Lm350 li konvenut ried ihallas lill-attur, minflok is-somma la' Lm1300 li ppretenda l-*

*attur, hija kkonsidrata baxxa wisq, specjalment minhabba s-sit ristrett li fih kellu jsir ix-xoghol u l-ftehim li kien sar.*

*Jezisti dubju dwar jekk l-attur uzax mezzi effikaci bizzejjed biex jeskava l-blat iebes li sab, izda fl-opinjoni tal-esponent, prezz ragjonevoli tal-eskavar li lahaq ghamel ghandu fic-cirkostanzi jkun tmien mitt Lira Maltija (Lm800).*

*L-attur, bhala kuntrattur ta' skavar, seta' mhux biss, kif ghamel wara jumejn, informa lill-konvenut li l-blat li sab kien iebes, ghax seta' wkoll ikkalkola bejn wiehed u iehor is-somma globali li kienet ser tkun involuta u jikkalkola wkoll bejn wiehed u iehor iz-zmien li kien jirrikjedi biex jispicca ix-xoghol kollu li kellu jaghmel kif originarjament kien talbu jaghmel il-konvenut.*

*Alternattivament, l-attur ried ikun iktar efficjenti f'xogholu, milli atwalment irrizulta li kien."*

Illi din il-Qorti thoss li ghalkemm jirrizulta li ghal bidu kien hemm qbil fuq ir-rata ta' Lm100 kuljum ghal qtugh ta' blat bejn l-istess partijiet din kienet tiddependi fuq kemm ser idum ix-xoghol u wkoll dwar in-natura ta' materjal li kellu jigi skavat li fil-mument li sar il-ftehim il-partijiet ma kienux certi u konoxxenti taghhom, tant li l-attur irrifjuta li jimponi terminu ta' meta kellu jigi esegwit l-istess xoghol.

Illi meta l-affarijiet iccaraw fis-sens li gie stabbilit il-materjal li kellu jigi skavat inkluz id-diffikulta li dan kien holoq u qed

johloq minhabba li kien materjal iktar iebes, il-partijiet ma waslux ghal ftehim ahhari dwar is-somma li kellha tithallas ghax-xoghol kollu, u fil-fatt id-differenza bejn l-ammont mitlub mill-attur u dak offert mill-konvenut kienet sostanzjali, tant li tirrapprezenta differenza ta' 50% bejn l-ammonti kwotati rispettivament mill-partijiet.

Illi fl-opinjoni ta' din il-Qorti u f'dawn ic-cikostanzi, u minhabba n-nuqqas ta' qbil bejn il-partijiet fuq dan l-ammont appena citat jidher li l-partijiet qablu li l-attur jieqaf mix-xoghol u l-konvenut iqabbad lill-haddiehor sabiex ikompli l-istess xoghol, b'mod li mill-kumpless tal-provi jirrizulta li l-kontendenti ftehmu li l-attur ghandu jithallas tax-xoghol li effettivament lahaq sar.

Illi minn dan allura jirrizulta li l-konvenut kellu raguni valida sabiex jittermina ix-xoghol tal-attur, anke peress li l-ammont ta' xoghol li lahaq sar fl-istess perjodu kien zghir wisq meta mqabbel max-xoghol kollu li kellu jsir, u dan apparti l-fatt li jidher li l-istess attur ma kienx konsistenti fuq xogholu u kif ikkummenta l-istess Perit Tekniku setgha mexa mod iehor sabiex jara l-entita` ta' xoghol u d-diffikultajiet li kien hemm fl-estensjoni u esekuzzjoni tieghu.

Illi dan ukoll qed jigi bbazat fuq il-fatt li ghal granet li effettivament hadem l-attur fuq l-istess xoghol huwa lahaq lesta biss 15% tax-xoghol globali li kellu jsir u dan qed jinghad ghaliex ghall-provi prodotti mill-konvenut fuq l-istess punt, inkluz dak li xehed il-konvenut u x-xhieda

minnu prodotti inkluz ic-certifikat tal-Perit ex-parte din l-estensjoni ta' xoghol effettivament esegwita mill-attur ma gietx bl-ebda mod ikkontestata minnu, kif lanqas jidher li gie kkontestat l-ammont ta' granet li effettivament hadem l-istess attur skond ix-xhieda tal-istess konvenut.

Illi ghalhekk jidher li l-konkluzjonijiet raggunti mill-Perit Tekniku huma korretti fis-sens li l-istess Perit Tekniku jidher li vvaluta il-valur ta' xoghol li effettivament sar u dejjem zamm f'mohhu id-diffikultajiet li kien hemm fl-istess xoghol kemm rigward il-materjal in kwistjoni, il-lant tax-xoghol, il-komporament tal-attur u r-rati li originarjament gew miftehma mill-partijiet u ghalhekk il-konkuzjonijiet tieghu ibbazati fuq l-istess konkluzjonijiet jidhru li saru ragonevolment u in verita` ma gew bl-ebda mod ikkontestati mill-partijiet.

Illi *di piu`* jidher li dawn il-kalkoli saru abbazi tal-**artikolu 1640 (3) tal-Kap 16** u mehud kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, u in vista ta' din l-opinjoni teknika esperta din il-Qorti thoss li hija ghandha timxi fuqha anke fuq l-iskorta tas-sentenza: "**Spiteri Tiles Ltd vs Raymond Borg"** (deciza fit-28 ta' Frar, 2002 - Cit Nru: 408/97/RCP) fejn inghad:

"*Illi huwa sintomatiku ghalhekk li fid-dawl ta' dan kollu jinghad li ghalkemm il-Qorti ma hijiex tenuta li taccetta l-konkluzjonijiet peritali kontra l-konvinzjoni taghha nnfisha, kif fil-fatt huwa dettat mill-**artikolu 681 tal-Kap 12,** jibqa'*

*jippersisti l-fatt li tali konkluzjoni pertali, specjalment fuq natura purament teknika, dan il-Qorti “ma tistax taghmlu b’mod legger jew kapriccuz. Il-konvinzjoni kontrarja taghha kellha tkun ben informata u bazata fuq ragunijiet li gravament ipoggu fid-dubbju dik l-opinjoni teknika lilha sottomessa b’ragunijiet li ma ghandhomx ikunu privi mill-konsiderazzjoni ta’ aspett tekniku tal-materja taht ezami” (**“Philip Grima vs Carmelo Mamo –** A.C. 29 ta’ Mejju 1998; **“Anthony Cauchi vs Carmel Mercieca” –** A.C. 6 ta’ Ottubru 1999; **“John Saliba vs Joseph Farrugia”** A.C. 28 ta’ Jannar 2000; **“Sammy Tabone vs Carmel Tabone et”** – A.C. 5 ta’ Ottubru 2001).*

*Illi dawn is-sentenzi huma bbazati wkoll fuq dak li intqal fid-decizjoni fil-kawza fl-ismijiet **“Giswarda Bugeja et vs Emmanuele Muscat et”** (A.C. 23 ta’ Gunju 1967 – Ll.i.390) fejn intqal li ghalkemm ir-rapport tekniku huwa kontrollabbli mill-gudikant bhal kull prova ohra, ‘b’danakollu, l-‘giudizio dell’arte’ espress mill-perit tekniku ma jistax u ma ghandux aktar u aktar fejn il-parti nteressata ma tkunx ipprevaliet ruhha mill-fakolta` lilha moghtija b’talba ghan-nomina ta’ periti addizzjonali jigi skartat facilment ammenoche’ ma jkunx jidher sodisfacentement illi l-konkluzjonijiet peritali huma, fil-kompless kollha tac-cirkostanzi, irragonevoli”.*

Illi ghalhekk abbazi tal-premess previa din il-Qorti taddotta l-konkluzjonijiet peritali u taghmilhom taghha, tilqa’ t-talbiet attrici limitatament ghas-somma ta’ Lm800.

**<u>III. KONKLUZJONI.</u>**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa' in parte t-tieni eccezzjoni tal-konvenut fis-sens li l-ammont rikjest mill-attur huwa esagerat, **tilqa' t-talba attrci** limitatament ghas-somma hawn indikata u cioe`:

1. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' tmien mitt lira Maltin (Lm800) prezz ta' xoghlijiet esegwiti u spejjez inkorsi fuq inkarigu tieghu konsistenti fi qtugh ta' blat gewwa fond li jinsab f'San Gwann f'Settembru 1997.

Illi l-ispejjez ta' din il-kawza inkluzi dawk tal-ittra ufficjali ta' Ottubru 1997 ghandhom jithalsu kwantu ghall-zewg terzi (⅔) mill-konvenut u terz (⅓) mill-attur. Bl-imghax legali mid-data tan-notifika tac-citazzjoni attrici fit-2 ta' Gunju 1998 sal-effettiv pagament kontra l-konvenut.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**25 t'April 2002**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur.**
**25 t'April 2002**